# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Illum il-Hamis 11 ta' April, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs.**

**Luciann (Lucy-Ann) Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Luciann (Lucy-Ann) Cassar ta' 35 sena, bint Saviour u Michelina nee' Tabone imwielda fl-4 ta' Dicembru 1971 u residenti Flat 2, 'Harmony Court', Triq il-Qadi, Zejtun u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 541871M

Akkuzata talli:

1. fid-29 t'Ottubru, 2007, ghall-habta ta' 7.00 p.m., fi Triq il-Kbira, Mellieha, saqet vettura Nru. IBG-143 u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habtet ma' vettura Nru. EAQ-554 u involontarjament ikkagunatilha hsarat ghad-dannu ta' Concetta Buttigieg;

2. kif ukoll involontarjament ikkagunat offizi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Louisa Joan Buttigieg, skond kif iccertifika Dr. Malcolm Paul Galea M.D. ta' S.L.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet li tigi skwalifikata mill-licenzji kollha taghha tas-sewqan.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja, u rat li l-imputata iddikjarat li m'ghandhix oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Wara li semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Din il-kawza tikkoncerna kollizjoni bejn zewg vetturi fi Triq il-Kbira, il-Mellieha. Din it-triq ghandha zewg karreggjati, wahda li tiehu ghal qalba tar-rahal tal-Mellieha, u l-ohra li minn go qalb dan ir-rahal tohrog mill-Mellieha. Fin-nofs tat-triq hemm mizbugha linja bajda mhux kontinwa.

2. Il-parte civile Louisa kellha l-vettura taghha Daihatsu Charade numru ta' registrazzjoni EAQ 554 ipparkjata fi Triq il-Mellieha mal-genb tal-istess triq, fil-karreggata li tiehu ghal qalba tar-rahal tal-Mellieha. Hi riedet tmur fid-direzzjoni opposta, u cioe dik li minnha wiehed johrog mill-Mellieha, u minflok baqghet niezla fid-direzzjoni ta' din il-karreggata u daret ma' xi roundabout biex taqbad il-karreggata li tiehodha barra mill-Mellieha, iddeciediet li taghmel U-Turn fl-istess triq biex tkun tista' tmur fid-direzzjoni il-barra mill-Mellieha, ghax hi toqghod fil-parti l-gdida tal-Mellieha.

3. Il-parte civile tghid, li fil-waqt li l-parte civile kienet qed taghmel din il-manuvra ta' U-Turn, karozza Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni IBG 143, misjuqa mill-imputata, li kienet tigi fil-karreggata opposta – cioe dik li minnha tohrog mill-Mellieha – irriversjat ghal gol vettura taghha.

4. Min-naha l-ohra, l-imputata tghid li hi kienet wieqfa fil-karreggata taghha bl-indicator mixghul, tistenna vettura ohra tohrog minn go parking bay biex tipparkja minflokha, u l-vettura tal-parte civile habtet mal-vettura taghha fuq wara.

5. Mir-rapport tal-pulizija jirrizulta li l-vettura tal-parte civile sofriet hsara fil-*"front mudguard driver side"*, fil-waqt li dik tal-imputata sofriet hsara fir-*"rear bumper and rear driver side".*[1]

6. Mill-iskizz li sar mill-Pulizija jirrizulta li meta mar fuq il-post,[2] PS 581 Loreto Buttigieg sab lill-vettura tal-parte civile f'posizzjoni diagonali bil-maggior parti tal-vettura fil-karreggata li taghti ghall-Mellieha, filwaqt li l-parti ta' quddiem taghha fil-karregata opposta, cioe dik li minnha tohrog mill-Mellieha. Il-vettura tal-imputata hija dritta fil-kareggata li minnha tohrog mill-Mellieha, bi tlett kwarti minnha mill-parti ta' quddiem taghha wieqaf b'mod parallel quddiem parking space. Bejn iz-zewg vetturi hemm distanza konsiderevoli, li mill-kejl li ha s-surgent u hu indikat fl-iskizz, il-Qorti tikkalkula li huwa ta' cirka tlett metri.

7. Apparti l-hsarat fil-vetturi, konsegwenza ta' dan l-incident, il-parte civile kisret il-polz ta' idha l-leminija u sofriet dizabilita permanenti. L-imputata, li fi zmien l-incident kienet tqila, ma sofriet l-ebda griehi.

### Kunsiderazzjonijiet dwar Htija

Ir-rizoluzzjoni tal-kaz odjern tirrivolvi dwar il-kredibilita tal-verzjonijiet djametrikament opposti moghtija mill-parte civile u mill-imputata.

[1] Ara fol. 28 tal-process.
[2] Ara fol. 32 tal-process.

Tibda biex tghid li ladarba mir-rapport u l-iskizz tal-pulizija - li ma gie kontestat mill-ebda parti – jirrizulta li fit-triq ma kienx hemm linja bajda kontinwa, isegwi li l-parte civile setghet legalment in principju taghmel u-turn u taqsam ghal fuq il-karreggata l-ohra, purche tissodisfa lil din il-Qorti fuq bazi ta’ probabbilita li ma kienitx se tohloq perikolu b’tali manuvra.

Hu maghruf li l-U-turn hi manuvra li billi tinvolvi right-turn fil-wisgha tat-triq, tista tkun kawza ta’ incidenti u ghalkemm tista’ ssir bla perikoli f’toroq li ma tantx huma uzati, f’toroq battuti sew mit-traffiku (bhal fil-kaz in kwistjoni) jirrikjedi grad gholi ta’ attenzjoni, ghax mhix manuvra li xufiera ohra normalment jistennew. Ma jistghux jigu dettati regoli fissi meta U-turn hi konsiljabbli jew le, imma kollox jiddependi mill-kumpless tac-cirkostanzi partikolari ta’ kull kaz.

Il-Qorti sejra issa tikkonsidra d-dinamika tal-incident. Hemm konflitt enormi bejn il-verzjoni tal-parte civile u dik tal-imputata, li ghazlet li tixhed f’dawn il-proceduri, kif gie spjegat aktar il-fuq. Dawn huma z-zewg xhieda okulari principali dwar id-dinamika tal-incident. L-imputata tellghet ukoll lil ommha Michelina Cassar, li qalet li kienet riekba bhala passiggier fil-vettura tal-imputata fil-hin tal-incident, u irripetiet il-verzjoni tal-imputata. Pero, din il-Qorti ghandha r-rizervi taghha dwar din ix-xhieda, stante li kif tajjeb irrileva l-abbli difensur tal-parte civile, huwa stramb li minkejja li r-rapport tal-Pulizija huwa wiehed dettaljat, is-Surgent ma indikax lil Michelina Cassar bhala passaggier jew bhala xhud.

Allura tqum il-kwistjoni x’kienet il-kawza prossima tal-incident – il-fatt li l-imputata, sabiex tipparkja, irriversjat il-vettura taghha fil-karreggata taghha, u baqghet diehla fil-vettura tal-parte civile, waqt li din kienet qed taghmel manuvra ta’ U-Turn fi triq principali, kif qed tallega l-parte civile, jew il-fatt li l-parte civile ghamlet manuvra ta’ U-Turn, u ma rrealizzatx li l-vettura tal-imputata kienet wieqfa fil-karreggata opposta u baqghet diehla fiha, kif qed tallega l-imputata?

Wara li hasbet fit-tul u qieset il-provi kollha, il-Qorti waslet ghal konkluzjoni li l-verzjoni tal-parte civile hija l-iktar wahda kredibbli, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Il-parte civile ezebiet zewg ritratti li juru l-hsara li garrbet il-vettura taghha bil-kollizjoni,[3] - u cioe daqqa fuq il-mudguard fuq ir-rota ta' quddiem tan-naha tax-xufier. James Mercieca, is-surveyor mas-socjeta assiguratrici tal-vettura li kienet misjuqa mill-imputata, ukoll jaqbel li l-unika hsara li kellha l-vettura tal-parte civile huwa dik indikata f'dawn ir-ritratti, kif jixhdu wkoll ir-ritratti ezebiti minnu mas-survey report tieghu. Hu xehed hekk *"Il-hsara kienet fuq quddiem tan-naha tax-xufier tal-vettura fejn kien hemm lok ta' bdil ta' mudguard ta' quddiem u riparazzjoni ta' bumper ta' quddiem. Qed nesebixxi r-ritratti."*[4] Fir-ritratti ezebiti mis-surveyor James Mercieca, id-danni fil-vettura tal-parte civile huma identici ghal dawk fir-ritratti tal-parte civile. Dan nonostante, meta waqt il-kontro-ezami taghha, l-imputata giet murija ir-ritratti ezebiti mill-parte civile, hija qalet li d-daqqa ma kinietx kif murija f'dawn ir-ritratti, u baqghet tinsisti li dan kien hekk anke wara li giet mistoqsija minn din il-Qorti:
   *"Qorti: Hemmhekk id-daqqa qeghda fuq ir-rota. Voldieri inti qed tghid li mhux hemmhekk kienet id-daqqa?*
   *Xhud: Le. Fil-fatt dik imsadda hemhekk fejn hemm id-daqqa."*[5]

   Meta l-imputata giet mistoqsija fuq liema parti tal-mudguard kienet id-daqqa, wiegbet *"it was in the front"*.[6] Apparti li f'din ix-xhieda, l-imputata tikkontradixxi dak li qalet iktar qabel li d-daqqa kienet fuq il-mudguard in-naha tal-lemin, u cioe tax-xufier,[7] ix-xhieda taghha mhix kompatibbli max-xhieda u r-ritratti ezebiti minn James Mercieca, is-surveyor tas-socjeta assiguratrici tal-vettura li kienet qed issuq, minn fejn jirrizulta minghajr ombra ta' dubbju li l-vettura tal-parte civile ma kellha l-ebda hsara fuq il-parti ta' quddiem tal-mudguard.

2. Fix-xhieda taghha, l-imputata tghid li l-vettura taghha tista' tghid li ma garrbet l-ebda hsara, hlief dent zghir fuq il-bumper ta' wara fuq in-naha tax-xufier.[8] Pero, dan hu kontradett mir-rapport u l-iskizz tal-Pulizija – li kif inghad ma gie bl-ebda mod

---
[3] Ara fol. 44 tal-process.
[4] Ara fol. 71-79 tal-process.
[5] Ara fol. 124-125 tal-process.
[6] Ara fol. 124 tal-process.
[7] Ara fol. 123-124 tal-process.
[8] Ara fol. 125 tal-process.

kontradett – fejn jinghad li l-vettura li kienet qieghda issuq l-imputata kellha danni zghar fuq ir-*"rear bumper and rear driver side"*. Jigi osservat ukoll, li l-imputata ma ipprezentat l-ebda ritratt tal-istat tal-vettura li kienet qieghda issuq wara l-incident, sabiex tissostanzja dak li xehdet.

3. L-imputata xehdet li wara l-impatt, il-parte civile baqghet fil-vettura taghha u bdiet tilmenta minn ugiegh fil-koxox ta' saqajha, u li bdiet torokhom it-tnejn.[9] Issa apparti tal-parte civile stess u tat-tobba, jirrizulta li l-unika ferita li l-parte civile sofriet, kienet ksur tal-polz ta' idha, Michelina Cassar, omm l-imputata, li tghid li kienet prezenti ghax kienet riekba bhala passiggier xehdet li l-parte civile bdiet tghid li wegghet idejha.[10]

4. Iz-zewg vetturi ma soffrewx hsarat estensivi. Tant hu hekk, li lanqas ma jirrizulta li kien hemm x'juri fejn sar il-*point of impact* jew xi debris mal-art. Konsegwentement huwa inverosimili li kienet il-parte civile li dahlet fuq wara tal-vettura tal-imputata, ghax likieku l-impatt kien ikun ikbar, u l-hsarat kienu ikunu aktar estensivi.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-imputata ma tistax titqies bhala xhud kredibbli.

Min-naha l-ohra, il-Qorti hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li meta l-parte civile bdiet taghmel il-manuvra tal-U-turn, wara li accertat ruhha, li ma kienx gej traffiku mill-karreggata opposta, u ghalhekk hi setghet b'mod prudenti taghmel dik il-manuvra. Pero x'hin bdiet diehla fil-karreggata opposta, l-imputata irriversjat il-vettura taghha ghal go fiha.

---

[9] Ara fol. 122 tal-process.
[10] Ara fol. 131 tal-process.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputata jargumenta li mill-iskizz jirrizulta li l-vettura tal-imputata kienet wieqfa, u ma jistghax ikun li din irriversjat ghax kieku kienet tidhol fiz-zebra crossing u traffic lights li hemm ftit metri l-boghod, u li kieku l-posizzjoni tal-vettura taghha kienet tkun differenti. Mill-iskizz huwa car li l-imputata ma irriversjatx biex tibda il-manuvra biex tipparkja. Jirrizulta wkoll li z-zebra crossing u t-traffic lights huma kwazi 9.8 metri mill-bumper tal-vettura tal-imputata, kif instabet mill-Pulizija. Li hu cert hu li l-imputata kienet qed tirriversja bil-mod, ghax kieku l-hsarat fil-vetturi rispettivi, kienu jkunu aktar estensivi. Ir-ragunijiet ghaliex l-imputata kienet qed tirriversja jistghu ikunu diversi – per ezempju ghaliex l-imputata irrealizzat li vettura li kienet se tohrog mill-parking bay meta kienet diga issorpassata, u allura riedet tirriversja biex izzomm it-traffiku, u tkun tista' tipparkja minflokha. Pero mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti li tispekula x'setghet kienet ir-raguni ghaliex l-imputata irriversjat. Il-funzjoni ta' din il-Qorti hija li tiddeciedi jekk giex sodisfacentement pruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li l-imputata irriversjat il-vettura taghha, u din il-Qorti diga qalet li din il-prova saret. Huwa ovvju mill-iskizz li l-imputata irriversjat b'mod negligenti, ghax likieku kienet tinduna li kien hemm il-vettura tal-parte civile li qed taghmel manuvra ta' U-turn fil-karreggata taghha.

Mix-xhieda tas-surveyor James Grech jirrizulta li l-vettura tal-parte civile sofriet hsara ta' cirka LM140.00.

Jirrizulta wkoll li konsegwenza ta' dan l-incident, il-parte civile kisret il-polz ta' idha l-leminija. Darba dan gie stabbilit, din il-Qorti m'hix se tinoltra ruhha kif il-polz gie miksur, ghaliex kif xehed l-orthopeadic surgeon Mr. Carmel Sciberras, li ilu iktar minn tletin (30) sena konsulent fl-ortopedija, f'incident bhal dan, huwa ma jistghax jghid kif u ghaliex il-polz inkiser.[11]

[11] Ara fol. 102-103 tal-process.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda u r-rapport tal-orthopoedic surgeon Mr. Charles Grixti, li konsegwenza ta' dan il-ksur fil-polz, il-parte civile sofriet dizabilita permanenti ta' 12%.[12]

Konsegwentement, l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-imputata gew debitament ippruvati.

## Konsiderazzjonijiet dwar Piena

Rigward piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputata ghandha fedina penali netta.

Pero, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li konsegwenza tas-sewqan traskurat tal-imputata, il-parte civile mhux biss sofriet ferita gravi, izda wkoll wahda permanenti li gabitilha dizabilita mhux insinifikanti. L-incidenti stradali konsegwenza ta' negligenza fis-sewqan qieghdin kulma jmur jizdiedu, bil-konsegwenzi kollha li dawn igibu maghhom, kif gara fil-kaz odjern. Din il-Qorti, ghall-inqas kif preseduta, hija tal-opinjoni li huwa d-dover taghha li tghaddi messagg car li reati kagunati minn traskuragni fis-sewqan huma reati serji, ghax primarjament iqieghdu l-hajja jew is-sahha ta' membri fis-socjeta fil-perikolu, u allura l-pieni ghandhom iservu wkoll ta' deterrent ghal sewwieqa ohra, sabiex juzaw kawtela fis-sewqan.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tqis li piena karcerarja effettiva jew sospiza mhix wahda idonea, u li l-piena idonea ghandha tkun multa fil-massimu permessibbli skond il-ligi, kif ukoll ordni ta' skwalifika temporanja tal-licenzji tas-sewqan tal-imputata.

## Konkluzjoni

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 328(b), 328(d) u 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha u tikkundannaha ghal piena ta' multa ta' elfejn u disa' mitt Euro (€2,900), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta'

[12] Ara fol. 12 *et seq.* u fol. 108 *et seq.* tal-process.

wiehed u tmenin Euro (€81), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-2 ta' Mejju 2019, b'dan li jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiskwalifika lill-hatja milli jkollha jew milli tikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena (1), li jibda jiddekorri mil-lum.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**